**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 13 ta' Jannar 2021**

Numru 17

**Rikors Guramentat Nru. 631/2019**

**Avukat Dottor Melvyn Mifsud LL.D. bhala mandatarju specjali, ghan-nom f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta estera Franciza, LVMH Fragrance Brands, bl-indirizz 77 rue Anatole France, Levallois-Perret, 92300, France**

**vs**

**b'digriet tad-29 ta' Lulju 2019 Dr Fransina Abela u P.L. Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta jew ditta estera GLOBTAINER LOGISTIQUE ALGERIE SARL, LOT NO94 CENTRE DES AFFAIRES, COMMUNE DE BAB EZZOUAR. 3EME ETAGE, IMMEUBLE KPMG ALGER, ALGERIE, u b'digriet tas-7 ta' Jannar 2020 Dr Cedric Mifsud dahal fil-kawza bhala prokuratur specjali ghas-socjeta konvenuta GLOBTAINER LOGISTIQUE ALGERIE SARL flok il-kuraturi deputati Dr Fransina Abela u P.L. Liliana Buhagiar li gew estromessi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-26 ta' Gunju, 2019 li jghid hekk:

1. Ili l-Avukat Dottor Melvyn Mifsud jirraprezenta lis-socjeta estera LVMH Fragrance Brands bhalma jirrizulta mill-prokura, cioe vera kopja tal-istess, hawn annessa u mmarkata bhala Dokument MM1;

2. Illi s-socjeta attrici estera hija maghrufa sew fid-dinja, inkluz gewwa Malta, inter alia in konnesjoni ma' prodotti u cioe, Trademark No. 56041 (Trademark L'INTERDIT) u kif ukoll Trademark No. 21422 ghal: "Toilet soaps, perfumes, eaux de toilette, eaux de parfum, eaux de Cologne; essential oils for personal use; deodorants for personal use; shampoos; shower gels; bath preparations namely salts and oils; milks, creams, emulsions, oils, balms, gels and fluids for cosmetic use for the care of face, body and hands; masks for face and body for cosmetic use; fluids, gels and balms for cosmetic use for the eyes and lips contour area; makeup products" (3) u kif ukoll Trademark No. 21422 (figurative — tipo ta' disinn)) "toilet soaps, perfumery, perfumes, Eau de Cologne and toilet water, essential oils, cosmetic products, lotions, milks, creams, gels for face and body, lipsticks, nail varnish, make-up foundation, coloured cream, mascaras, eye shadow, blush, cosmetic pencils, make-up powders, make-up removing preparation namely milk, lotion, cream, oils, sun gel, sun milk, after sun lotion, hair care products especially hair spray, gels, creams and shampoos, cosmetic preparations for baths namely gels, oils, creams, bath salts, talcum powders, deodorant for personal use" (3);

3. Illi b'hila, b'invenzjoni kif ukoll b' hafna sagrificcju finanzjarju u bi promozzjoni reklamattiva estensiva da parti taghha, is-socjeta attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fis-suq barrani u kif ukoll fis-suq Malti, in konnessjoni mal-marki (trademarks) taghha;

4. Illi in partikolari, is-socjeta attrici ghandha rregistrata f'Malta (trademark) bin-numru tar-registrazzjoni 56041 u 21422, bhalma jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokumenti MM2 u dan dwar Trademark No. 56041 (Trademark L'INTERDIT) "Toilet soaps, perfumes, eaux de toilette, eaux de parfum, eaux de Cologne; essential oils for personal use; deodorants for personal use; shampoos; shower gels; bath preparations namely salts and oils; milks, creams, emulsions, oils, balms, gels and fluids for cosmetic use for the care of face, body and hands; masks for face and body for cosmetic use; fluids, gels and balms for cosmetic use for the eyes and lips contour area; makeup products" (3) u Trademark No. 21422 (figurative) "toilet soaps, perfumery, perfumes, Eau de Cologne and toilet water, essential oils, cosmetic products, lotions, milks, creams, gels for face and body, lipsticks, nail varnish, make-up foundation, coloured cream, mascaras, eye shadow, blush, cosmetic pencils, make-up powders, make-up removing preparation namely milk, lotion, cream, oils, sun gel, sun milk, after sun lotion, hair care products especially hair spray, gels, creams and shampoos, cosmetic preparations for baths namely gels, oils, creams, bath salts, talcum powders, deodorant for personal use" (3)

5. tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Prodotti u Servizzi taht in-Nice Agreement Concerning the International Classification of Goods and Services for the Purposes of the registration of Marks;

6. Illi dwar dawn l-oggetti (fost ohrajn), is-socjeta attrici hija detentrici ta' dritt ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet relevanti tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 tan-Edizzjoni Riveduta

tal-Ligijiet ta' Malta, biex b'hekk inter alia tgawdi mill-protezzjoni moghtija taht dik l-istess ligi, fl-artikli 2(1)(a)(i), 4 u 8(1) taghha;

7. Illi ricentement waqt il-verifiki u skrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 tal-istess Kapitolu 414 hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issopenda rrilaxx tal-container numru TCLU8452999 ex vessel APL OREGON, instabu diversi prodotti , konsistenti inter alia tlieta u ghoxrin elf erbgha mija u sitta u tletin (23,436) Aerosol Cans vojta, u cioe kontenituri tal-aerosol, li fihom il-kliem L'INTERDIT (GIVENCHY) u ddisinn jew indikazzjonijiet ohrajn, liema prodotti waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transit ghar-rilaxx eventwali favur consignee/importatrici ndikata fuq l-istess Bill of Lading, bhala GLOBTAINER LOGISTIQUE ALGERIE SARL, kopja tal-istess Bill of Lading hawn anness u mmarkat Dokument MM3 u prima facia deher car lill-Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravenju dritt ta' proprjeta intelletwali, bhalma jiirizulta mill-hawn anness ittra immarkata bhala Dokument MM4;

8. Illi s-socjeta attrici giet infurmata b'din is-sejba u wara li ezaminat wiehed minn dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontrafatti (counterfeit) u li ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta intelletwali, appartenenti lis-socjeta attrici, bhalma gie hawn ipprezentat dokument relatat mir-rapprrezentant taghhom lokali, immarkat bhal Dokument MM5;

9. Illi l-azzjonijiet tal-konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kap. 414 hawn fuq imsemmi kif ukoll ta’ artikli 10(1) u 2(b) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416) u japplikaw ghall-kaz id-disposizzjonijiet rilevanti tan-artikoli 14 sa 19 tal-Kap. 416, 2 u 8(1) tal-istess Kap. 414 u 76A(1) tal-Att XXII tas-sena 2005 dwar Azzjonijiet Gudizzjarji (Mizuri Varji);
10. Illi sussegwentement is-socjeta attrici inghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana u gie lis-socjeta atttrici prefiss terminu, mill-istess Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

10. Illi l-esponent nominee jisqarr li jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur nominee umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti:
1) Tiddikjara li l-oggetti konsistenti tlieta u ghoxrin elf erbgha mija u sitta u tletin (23,436) Aerosol Cans vojta bil-kliem L’INTERDIT (GIVENCHY) u d-disinn u indikazzjonijiet ohrajn u li dawn l-istess oggetti msemmija jinsabu prezentement taht l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana, wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container TCLU8452999 ex vessel APL OREGON, kontenenti inter alia l-imsemmija oggetti, jikkontravenju d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali tas-socjeta attrici fir-rigward tat-trademarks taghha registrati f'Malta, bin-numru tar-registrazzjoni 56041 u 21422, konsistenti fi-kliem L'INTERDIT (GIVENCHY);

2) Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja in kwistjoni ta' tlieta u ghoxrin elf erbgha mija u sitta u tletin (23,436) Aerosol Cans vojta permezz tal-container bin-numru TCLU8452999 ex vessel APL OREGON da parti tas-socjeta konvenuta u li jinsabu maqbuda, wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravenji d-dritt ta' proprjeta intelletwali tas-socjeta attrici in kwantu li ma humiex prodotti genwini jew originali skond artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intelletwali (Mizuri Inrtakonfini) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-istess artikolu 4 tal-istess Kap. 414 u dan fil-konfront tat-trademarks fuq imsemmija tas-socjeta attrici;

3) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi mit-tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludi xi hsara lis-socjeta attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti in kwistjoni, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenut u dan ghas-spejjez tal-konvenut, inkluz dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti, tal-hazna qabel id-destruzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess, skond Artikolu 8 tal-Kap. 414;

4) Tiehu kull mizura u/jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu kull mizura ohra dwar l-oggetti in kwistjoni li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici taghha;

5) Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Industrijali (Mizuri Intrakonfini) — Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolamenti tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-komfront tas-socjeta attrici;

BI-ispejjez kontra d-ditta konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tas-26 ta’ Awwissu 2019 fejn ecceppew:

Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Dr Cedric Mifsud nomine li tghid hekk:

1) Illi preliminarjament, is-socjeta estera Globtainer Logistique Algerie SARL ma hijiex il-legittimu kontradittur stante illi hija ma kinitx il-consignee u/jew importatrici tal-prodotti misjuba gewwa il-container numru TCLU8452999 illi gew mizmuma mid-Direttur Generali (Dwana) konsistenti inter alia tlieta u ghoxrin elf, erbgha mija u sitta u tletin (23,436) Aerosol Cans vojta bil-kliem L'Interdit (Givenchy);

2) Illi fil-mertu, it-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi is-socjeta estera Globtainer Logistique Algerie SARL ma hijiex sid il-prodotti imsemmija u illi allegatament huma kontrafatti stante illi kif ser jigi ippruvat matul il-kawza odjerna is-socjeta konvenuta sempliciment agixxiet bhala korrispondent gewwa l-Algerija tan-Non Vessel Owning Common Carrier Torka bl-isem Anko Anadolu Konteyner u cioe sempliciment kellha rwol ta' intermedjarju u l-importatrici kienet filfatt is-socjeta EURL Merdhia Packaging ta' Cite La Belle Vue N 25, Elouad, Algerija illi qieghda mniüla bhala in-Notify Party fil-waybill ipprezentat mar-rikors guramentat tas-socjeta attrici u mmarkat bhala Dok. B u ghaldaqstant is-socjeta konvenuta ma ghandhiex tinsab responsabbli ghal kwalunkwe kontravenzjoni tad-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici.

3) Illi addizzjonalment is-socjeta konvenuta ma ghandhiex tinsab responsabbli u/jew tigi ordnata thallas kwalunkwe spejjez u/jew danni sofferti mis-socjeta attrici relatata mal-kawza odjerna u cioe inkluzi dawk tat-trasport tal-oggetti imsemmija, haina qabel id-distruzzjoni eventwali tal-prodotti, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tad-distruzzjoni u l-eventwali distruzzjoni taghhom.

4) Salvi u impregudikati eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta rikorrenti hija proprjetarja fost ohrajn tal-markji maghrufa bhala L’INTERDIT liema markju huwa registrat f’Malta bin-numri ta’ registrazzjoni 56041 u 21422, u dan skont kif jidher fuq id-dokument MM2.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f’container numru TCLU8452999 li kien inhatt fil-port hieles ta’ Marsaxlokk minn fuq il-vapur ex APL OREGON li kien diehel Malta fl-20 ta’ Mejju 2019 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta’ tlieta u ghoxrin elf erba’ mija u sitta u tletin (23,436) aluminium aerosol cans, bil-markji tas-socjeta rikorrenti, u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 7 ta’ Gunju 2019 (Dok. MM5 fol. 21) maghmul minn Georges Geoffroy, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti.

Illi sa fejn l-azzjoni rikorrenti hija msejsa fuq il-Kap. 416, jigi osservat li dan il-Kapitolu tal-ligi llum il-gurnata jinsab imhassar u sostitwit bl-Att XII tas-sena 2019, li gie fis-sehh mill-14 ta' Mejju, 2019 (Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta). Kwindi meta sehhew l-atti lleciti li dwarhom tilmenta s-socjeta rikorrenti, il-Kap. 416 kien lahaq gie revokat u ghalhekk mhux applikabbli ghall-kaz in ezami. Hekk ukoll ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 citat mis-socjeta rikorrenti, llum il-gurnata jinsab imhassar permezz tar-Regolament (EU) Numru 608/2013. Madankollu jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appoziti tal-Kap. 414 u s-socjeta rikorrenti fethet dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi.

Is-socjeta rikorrenti pprezentant l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Randolph Mizzi datat 4 ta' Ottubru 2019 (Dok. RM1 fol. 60) li kkonferma li l-oggetti maqbuda qed jinzammu fl-imhazen tad-dwana, u r-rapport ta' Georges Geoffroy li ikkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna irrizulta li kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha inkluzi dawk sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti huma elenkati fl-affidavit tal-Ufficjal tal-Dwana (fol. 61).

Dr Cedric Mifsud nomine eccepixxa preliminarjament li

1. Is-socjeta Globtainer Logistique Algerie SARL ma hijiex il-legittimu kontradittur stante illi hija ma kinitx il-consignee u/jew importatrici tal-prodotti misjuba gewwa il-container numru TCLU8452999 illi gew mizmuma mid-Dwana.
2. Illi fil-mertu, s-socjeta Globtainer Logistique Algerie SARL ma hijiex sid il-prodotti imsemmija.
3. Illi s-socjeta konvenuta ma ghandhiex tinsab responsabbli u/jew tigi ordnata thallas kwalunkwe spejjez u/jew danni sofferti mis-socjeta attrici relatata mal-kawza odjerna.

L-intimat nomine jissottometti li s-socjeta konvenuta sempliciment agixxiet bhala korrispondent fl-Algerija ta' Anko Anadolu Konteyner il-mittent tal-

merkamzija u hija sempliciment kellha rwol ta' intermedjarju mal-importatrici, is-socjeta EURL Merdhia Packaging ta' Cite La Belle Vue N 25, Elouad, Algerija u li qieghda mnizzla bhala in-Notify Party fil-waybill Dok. B a fol 13.

Is-socjeta konvenuta pprezentat Dok. CM12 kopja tal-Bill of Lading numru AC1952272A fejn jidher li s-shipper kienet is-socjeta Aryum Metal Tup Imalat San Dis Tic A.S u il-consignee EURL Merdhia Packaging; Dok. CM13: Ittra datata 15 ta' Awwissu 2019 mahruga minn Globtainer Logistigue Algerie SARL fejn il-konsenja giet rilaxxata favur EURL Merdhia Packaging u Dok. CM14 Ittra datata 10 ta' Ottubru 2019 mibghuta lil Globtainer Logistique Algerie SARL minn Anko Anadolu Konteyner fejn hemm konferma illi is-shipper kienet Aryum Metal Tup Imalat San Dis Tic A.S u il-carrier kien CMA CGM.

Nait Ibrahim Hassane, manager u rapprezentant ta’ Sarl Globtainer Logistique Algerie fl-affidavit tieghu jghid li huma kienu agixxew bhala delivery agents ghall-importatur EURL MERDHIA Packing Algerija. Ighid li Anko Anadolu Konteyner kienet qabbdet lil CMA CGM bhala s-shippers u dawn taw instructions lis-shippers biex isemmu lil Globtainer Logistique Algerie bhala consignees biex ikunu jistghu jigbru d-delivery orders. Ghalhekk huma jidhru bhala consignees fuq il-bill of lading ta’ CMA CGM.

Illi s-socjeta konvenuta mhux qed tikkontesta li l-oggetti huma *counterfeit* imma biss li hija mhijiex il-legittimu kontradittur u lanqas il-proprjetarju jew importatur ta’ dina l-merkanzija, ghalhekk m’ghandiex tehel spejjez.

Illi mill-Waybill Dok. MM3 a fol 13 jirrizulta li l-Consignee huwa Globtainer Logistique Algerie SARL mentri n-Notify Party huwa EURL Merdhia Packaging. Is-socjeta konvenuta tissottometti li Anadolu Konteyner taw instructions lil CMA CGM bhala s-shippers biex isemmu lil Globtainer Logistique Algerie bhala consignees biex ikunu jistghu jigbru d-delivery orders u ghalhekk biss li huma qed jidhru bhala consignees fuq il-Waybill.

Illi s-socjeta konvenuta ma gabitx prova dwar l-instructions li Anadolu Konteyner suppost taw lil CMA CGM imma din tibqa’ biss alegazzjoni ta’ Nait

Ibrahim Hassane, manager u rapprezentant ta' Sarl Globtainer Logistique Algerie li mhijiex sostnuta minn xi dokumenti ezibit.

Illi l-Consignee fil-Waybill huwa l-persuna li lilha tkun mibghuta l-merkanzija u li ghandha d-dritt li tirtira l-merkanzija bil-prezentata tal-dokument imsemmi, mentri n-notify party huwa l-persuna li ghandha tigi notifikata li l-merkanzija waslet u li m'ghandha ebda titolu ghal merkanzija. In-notify party ma jistax jitlob li jirtira il-merkanzija bhala notify party. "It is to be remembered that the information mentioned in the consignee column of the bill of lading determines who secures release of the cargo" (ara Carriage of Goods by Sea John F.Wilson). F'dan il-kaz Sarl Globtainer Logistique Algerie

Jigi rilevat ukoll li ghalkemm is-socjeta konvenuta allegat li l-importatur kien EURL Merdhia Packaging ma sar ebda attentat biex dawn jigu kjamati fil-kawza biex iwiegbu ghal dina l-allegazzjoni.

Inoltre kienu Sarl Globtainer Logistique Algerie u mhux EURL Merdhia Packaging li rreklamaw ma' Anadolu Konteyner li l-merkanzija kienet counterfeit. Dawn kienu cahdu kwalunkwe responsabilita (ara Dok. CM14 a fol. 178).

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi milqugha fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti kollha in kwistjoni konsistenti fi tlieta u ghoxrin elf erbgha mija u sitta u tletin (23,436) aluminium aerosol cans, li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma pprojbiti taht d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-merkanzija maqbuda tikkontravvjeni d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skont l-artikolu 2(1)(a)(i), (ii) u (iii) u (b) tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, liema infrazzjonijiet huma

azzjonabbli b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-artikoli 4 u 8(1) tal-istess Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet tal-proprjeta intellettwali;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' tlieta u ghoxrin elf erbgha mija u sitta u tletin (23,436) aluminium aerosol cans, b'container numru TCLU8452999 da parti tal-intimati u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta` rikorrenti inkwantu li ma humiex genwini, skont l-artikoli precitati fid-decide ta' din is-sentenza;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana a bazi tat-tielet talba sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta konvenuta, skont l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez kollha, inkluzi dawk l-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414, u dan kif jirrizulta mill-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana (fol. 61);

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' u l-hames talbiet;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur